MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1223/2005

**Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u l-Avukat Ġenerali**

***Versus***

**Danuta Komarzyniec**

1. Din is-sentenza hija dwar talba tal-atturi biex jitħassar dikriet maħruġ mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja, li bis-saħħa tiegħu kien infetaħ favur il-konvenuta l-wirt ta’ ċertu Eric Busuttil, u biex il-qorti tgħid illi l-konvenuta ma kinitx miżżewġa lill-istess Eric Busuttil u ma hijiex l-armla tiegħu.

2. L-atturi fissru illi dan id-dikriet, li ngħata fid-19 ta’ Frar 2003 bin-numru 218/2003, inkiseb fuq il-premessa illi kien hemm żwieġ bejn il-konvenuta u Eric Busuttil, illum mejjet, u illi ż-żwieġ ta’ qabel bejn Eric Busuttil u martu Marcelle Antoinette Busuttil kien inħall b’divorzju. Din il-premessa iżda ma hijiex tajba, u l-konvenuta fil-fatt ma hijiex armla ta’ Eric Busuttil.

3. Il-konvenuta, ikomplu jgħidu l-atturi, kienet allegat illi iżżewwġet lil Eric Busuttil fl-Ambaxxata ta’ Malta fi Tripli fl-1 ta’ Ottubru 1987. Fil-fatt, iżda, dan iż-żwieġ ma jirriżultax mir-*records* tal-ambaxxata, u lanqas ma hemm reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku kif irid l-art. 270 tal-Kodiċi Civili. Meta mbagħad dehret quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja, il-konvenuta talbet, taħt l-artt. 536 *et seqq.* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi jinfetaħ favur tagħha l-wirt ta’ Eric Busuttil, u saħħet it-talba b’alberu ġenealoġiku mwettaq bil-ġurament tagħha li fih stqarret illi Eric Busuttil kien iddivorzjat minn martu u miżżewweġ lilha, mingħajr ma, iżda, ippreżentat ċertifikat taż-żwieġ. Il-qorti laqgħet it-talba bis-saħħa ta’ din ix-xiehda billi ma deher ħadd biex jopponi għat-talba.

4. Marcelle Antoinette Busuttil, mart il-mejjet, u-t-tliet uliedu kienu irrinunzjaw għall-wirt fit-22 ta’ Novembru 2001.

5. Bis-saħħa tad-dikriet numru 218/2003 tal-ftuħ tal-wirt il-konvenuta qiegħda tivvanta pretensjoni għal pensjoni tar-romol mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [“id-Dipartiment”]. L-atturi iżda jgħidu illi l-konvenuta ma għandhiex jedd għal din il-pensjoni, li fil-fatt qiegħda titħallas lil Marcelle Antoinette Busuttil. Id-Dipartiment għalhekk ċaħad it-talba tal-konvenuta għal pensjoni tar-romol. Il-konvenuta appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali iżda dan l-appell ġie miċħud fl-24 ta’ Novembru 2005.

6. Il-konvenuta kienet ressqet ukoll ilment quddiem l-*Ombudsman* iżda dan l-ilment ġie miċħud ukoll. Kienet ukoll fittxet illi tirreġistra dokument dwar iż-żwieġ li hi tgħid li kien ġie ċelebrat fl-Ambaxxata ta’ Malta fi Tripli fl-1 ta’ Ottubru 1987 iżda l-ġenwinità u l-awtentiċità ta’ dan id-dokument ma ġietx provata.

7. L-atturi jgħidu wkoll illi quddiem il-Qrati ta’ Malta saru diversi kawżi li fihom kienu parti l-konvenuta u Eric Busuttil, u minn dawn il-kawżi jidher illi dawn il-persuni ma kinux miżżewġin għalkemm kellhom xi tip ta’ relazzjoni *extra*-maritali.

8. Lill-atturi irriżultalhom ukoll illi fid-29 ta’ Novembru 1988 – wara li suppost kien ċelebrat iċ-ċwieġ fl-1 ta’ Ottubru 1987 – il-konvenuta dehret fuq kuntratt fl-atti tan-

Nutar Anthony Grech Trapani u fuq dan il-kuntratt il-konvenuta ġiet identifikata bħala "*Danuta Komarzyniec widow of Zigmund Busuttil*", u kien hemm ukoll korrezzjoni billi tħassret il-kelma "*Busuttil*" u minflok daħal il-kliem "*Eylmers also known as Danuta Komarzyniec Busuttil*".

9. Il-konvenuta kienet ukoll il-kreditriċi fuq kuntratt ta' self u bejgħ bejn Eric Busuttil u Joseph Paul Pisani ippubblikat fis-27 ta' Frar 1989 – ukoll wara li suppost seħħ iż-żwieġ – fl-atti tan-Nutar Hugh Grima u fuq dan il-kuntratt il-konvenuta ġiet identifikata bħala "*Danuta Komarzyniec-Busuttil widow of Sigmund Eylmers*", u ma hemm ebda indikazzjoni li l-konvenuta u Eric Busuttil kienu miżżewġin. Fi ftehim ieħor tas-27 ta' Frar 1989 bejn Eric Busuttil u l-konvenuta quddiem l-istess nutar il-konvenuta reġgħet ġiet identifikata bħala armla ta' Sigmund Eylment. L-atturi josservaw illi li kieku tassew kienet miżżewġa lil Eric Busuttil dan il-fatt kien jissemma.

10. L-atturi għalhekk qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tgħid illi d-dikriet numru 218/2003 maħruġ fid-19 ta' Frar 2003 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, inkiseb bis-saħħa ta' tagħrif ħażin, inkomplet u qarrieq li żvija lill-qorti;

ii. tgħid illi dak id-dikriet b'ebda mod ma huwa prova illi l-Qrati Maltin għarfu li kien hemm żwieġ bejn il-konvenuta u l-mejjet Eric Busuttil, jew illi l-konvenuta hija l-armla ta' Eric Busuttil;

iii. tgħid illi l-konvenuta ma hijiex l-armla ta' Eric Busuttil; u

iv. tħassar dak id-dikriet billi huwa vizzjat u skorrett, u nkiseb bis-saħħa ta' pretensjonijiet fattwalment u legalment żbaljati u infondati.

11. Talbu wkoll l-ispejjeż.

12. Il-konvenuta, għalkemm notifikata kif trid il-liġi[1], ma ressqitx eċċezzjonijiet, ma dehritx għas-smigħ tal-kawża u baqgħet kontumaċi.

13. Il-kwistjoni f'din il-kawża hija dwar jekk il-konvenuta kinitx tassew miżżewġa lil Eric Busuttil, u għalhekk illum wara mewtu hijiex l-armla tiegħu, jew le. Ħlief għad-dikriet tal-ftuħ tal-wirt, id-dokumenti uffiċjali murija fl-atti – kemm dawk maħruġa minn organu uffiċjali bħal ma hu r-Reġistru

[1] *Foll.* 177 *et seq.*

Pubbliku li ħareġ estratt mill-att tal-mewt ta' Eric Busuttil[2] u kemm dawk magħmula minn nutar pubbliku bil-firma tal-partijiet stess, bħal ma huma kuntratti pubbliċi li fuqhom il-konvenuta kienet parti[3] – juru illi Eric Busuttil u l-konvenuta ma kinux miżżewġin lil xulxin. L-att tal-mewt ta' Eric Busuttil juri illi, fil-waqt ta' mewtu, dan kien żewġ Marcelle Antoinette *née* Borg, waqt illi fl-atti pubbliċi li fuqhom kienet parti l-konvenuta din identifikat ruħha bħala armla ta' Zigmund jew Sigmund Eylmes u mhux bħala mart Eric Busuttil, għalkemm fuq wieħed minn dawn l-atti deher Eric Busuttil ukoll.

14. Dawn id-dokumenti joħolqu preżunzjoni, imqar *prima facie*, illi l-konvenuta ma kinitx miżżewġa lil Eric Busuttil u għalhekk jintefa' fuq il-konvenuta l-oneru li turi li kien hemm dan iż-żwieġ, ħaġa li setgħet faċilment tagħmilha billi turi kopja awtentika taċ-ċertifikat taż-żwieġ.

15. Mhux biss iżda l-konvenuta ma ipproduċietx dan id-dokument, iżda wkoll fl-Ambaxxata ta' Malta fi Tripli, fejn il-konvenuta tgħid li ġie ċelebrat iż-żwieġ fl-1 ta' Ottubru 1987, ma hemm ebda *record* ta' dan iż-żwieġ.

16. Il-qorti għalhekk hija moralment konvinta illi fil-fatt ma kien hemm ebda żwieġ bejn il-konvenuta u l-mejjet Eric Busuttil. Il-konsegwenza ta' dan tkun illi d-dikriet numru 218/2003, maħruġ mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Frar 2003, li nħareġ fuq il-premessa illi l-konvenuta kienet miżżewġa lil Eric Busuttil u hija l-armla tiegħu, ma jiswiex.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi: tgħid illi l-konvenuta ma hijiex l-armla ta' Eric Busuttil, u illi d-dikriet numru 218/2003, maħruġ mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Frar 2003, inħareġ fuq premessi foloz u ma huwiex prova ta' għarfien li kien hemm żwieġ bejn il-konvenuta u Eric Busuttil jew li l-konvenuta hija l-armla ta' Eric Busuttil, u tħassar l-istess dikriet għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi.

Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

---

2 *Fol.* 12.

3 *Foll.* 58 *et seq.*; *foll.* 60 et seq

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------